Anno Domini 2013 — Nru. V

# Proklama

~~MILL~~-PRESIDENT
TA' MALTA

President

BILLI hemm ipprovdut fis-subartikolu (3) tal-artikolu 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi l-Kamra tad-Deputati għandha tiltaqa' mhux aktar tard minn xahrejn wara l-pubblikazzjoni tar-riżultat uffiċjali ta' xi elezzjoni ġenerali mill-Kummissjoni Elettorali f'ġurnata stabbilita mill-President;

U BILLI r-riżultat uffiċjali tal-elezzjoni ġenerali, miżmuma fid-9 ta' Marzu, 2013, ġie ppubblikat mill-Kummissjoni Elettorali fil-15 ta' Marzu, 2013;

U BILLI hemm ipprovdut fis-subartikolu (1) tal-artikolu 75 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li kull sessjoni tal-Parlament għandha tibda f'dak iż-żmien illi l-President jista' jistabbilixxi bi proklama u għandha tinżamm f'dak il-post jew postijiet illi l-President bi proklama, jew il-Kamra tad-Deputati b'kull mod li jidhrilha xieraq, jistgħu minn żmien għal żmien jistabbilixxu;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE ABELA, PRESIDENT TA' MALTA, QIEGĦED B'DIN NISTABBILIXXI s-6 ta' April, 2013 fil-10.45 a.m. bħala l-ġurnata u l-ħin meta l-Kamra għandha tiltaqa' u għandha tibda sessjoni tal-Parlament, u s-Sala tal-Kamra fil-Palazz, Valletta, bħala l-post li fih għandha tinżamm dik is-sessjoni.

Magħmula fil-Palazz tal-Belt Valletta, illum, is-27 ta' Marzu, 2013.

B'Awtorità,

Prim Ministru

Anno Domini 2013 — No. V

# Proclamation

~~BY THE~~ PRESIDENT
OF MALTA

(L.S.)

President

WHEREAS it is provided by subarticle (3) of article 75 of the Constitution of Malta that the House of Representatives shall meet not later than two months after the publication of the official result of any general election by the Electoral Commission on a day appointed by the President;

AND WHEREAS the official result of the general election held on the 9th day of March, 2013, was published by the Electoral Commission on the 15th day of March, 2013;

AND WHEREAS it is provided by subarticle (1) of article 75 of the Constitution of Malta that each session of Parliament shall commence at such time as the President may by proclamation appoint and shall be held at such place or places as the President by proclamation, or as the House of Representatives in any manner it may deem appropriate, may from time to time appoint;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE ABELA, PRESIDENT OF MALTA, DO HEREBY APPOINT the 6th day of April, 2013 at 10.45 a.m. to be the day and the time when the House shall meet and a session of Parlament shall commence, and the Hall of the House in the Palace, Valletta, to be the place where such session shall be held.

Made at the Palace, Valletta, this 27th day of March, 2013.

By Authority,

Prime Minister